# FIL-QORTI ĊIVILI – PRIM AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum il-Erbgħa, 22 ta' Mejju, 2024.

**Kawża numru 1**

**Rikors Nru: 1265/2021 ISB**

**PLAY'N GO MARKS LIMITED,** soċjetà kummerċjali reġistrati f'Malta bin-numru ta' reġistrazzjoni C83955 u b'indirizz reġistrat ta' *Level 4, the Centre, Pjazza Tigne, Tigne Point, Sliema, TP01, Malta*

**VS**

**PRAGMATICPLAY LTD,** soċjetà kummerċjali reġistrata f'Malta b'dettalji ta' reġistrazzjoni C68028 u b'indirizz reġistrat ta' *144, Tower Road, Sliema, SLM1604, Malta*

**DAN HUWA DIGRIET MOGĦTI FIL-MIFTUĦ GĦAR-RIKORS TAS-SOĊJETÀ INTIMATA PRAGMATICPLAY LTD TAL-20 TA' OTTUBRU 2023 LI PERMEZZ TIEGĦU QED TITLOB IL-PERMESS ILLI**

## TAPPELLA MID-DIGRIET TA' DIN IL-QORTI TAL-11 TA' OTTUBRU 2023

### Il-Qorti:

Rat ir-rikors tas-soċjetà PragmaticPlay Ltd tal-20 ta' Ottubru 2023 u li permezz tiegħu, għar-raġunijiet hemmhekk indikati, talbet lil din il-Qorti sabiex tippermettiha tappella mid-digriet mogħti nhar il-11 ta' Ottubru 2023, u dan *ai termini* tal-Artikolu 229(3) tal-KAP 12.

Rat id-digriet provviżorju tagħha tas-7 ta' Novembru 2023, permezz ta' liema l-Qorti ordnat in-notifika tar-rikors lill-parti l-oħra u filwaqt illi rriżervat illi tiddegreta b'mod finali fi stadju ulterjuri, stiednet lill-partijiet jitrattaw ir-rikors fl-udjenza fil-miftuħ.

Rat ir-risposta tas-soċjetà Play'N Go Marks Limited tal-24 ta' Novembru 2023.

Semgħet x'kellhom x'jgħidu d-difensuri tal-partijiet fir-rigward tal-istess rikors waqt l-udjenza tal-15 ta' Marzu 2024.

Rat illi l-kawża tħalliet għal-lum sabiex jingħata dan id-digriet fil-miftuħ.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

### Ikkunsidrat:

Illi fis-6 ta' Ġunju 2023, is-soċjetà attriċi Play'N Go Marks Limited ppreżentat Mandat ta' taħrika ta' xhud u talbet illi fis-seduta li kien imiss (3 ta' Lulju 2023) jixhed rappreżentant tas-soċjetà intimata PragmaticPlay Limited u jesebixxi *financial statements u dokumenti ohra relatati, kemm generali kif ukoll maqsumin mensilment u maqsumin ghal kull stat membru tal-Unjoni Ewropeja fejn il-loghba hija offerta lill-utenti; li jindikaw fost l-ohrajn, id-dhul (turnover) u l-profitti li ghamlet Pragmatic Play Limited mill-loghba "Book of the Fallen" maghrufa ukoll bhala "Book of Fallen", mid-data li fiha il-loghba giet introdotta fis-suq sad data tas-seduta*.

Illi din it-taħrika saret wara illi fis-seduta tas-27 ta' Marzu 2023, il-kawża tħalliet għall-għeluq tal-provi tas-soċjetà rikorrenti.

Illi l-Qorti laqgħet ir-rikors għat-taħrika tax-xhud limitatament billi ordnat il-preżentata tad-dokumenti mitluba u l-istess nġunzjoni ma ġietx notifikata

lix-xhud b'riferta negattiva "*rapp. tas-soċjetà Pragmatic Play Ltd gone away*" – stramba ferm għall-Qorti meta in effetti ma kien indikat ebda persuna partikolari fl-inġunzjoni.

Illi kien għalhekk illi fl-udjenza tat-3 ta' Lulju 2023, il-Qorti ordnat lis-soċjetà intimata sabiex sal-aħħar ta' Awwissu 2023 hija tippreżenta, permezz ta' nota, dak mitlub fl-inġunzjoni tas-6 ta' Ġunju 2023 bin-notifika lid-difensuri tas-soċjetà rikorrenti, li min-naħa tagħhom kellhom imbagħad jagħmlu domandi lir-rappreżentant tas-soċjetà intimata responsabbli mill-finanzi tal-kumpanija.

Illi l-Qorti trid bilfors tinnota illi f'dik l-istess seduta, ġie verbalizzat illi l-Avukat Dr Joseph Mizzi (għas-soċjetà intimata) "*mpenja ruhu illi jghaddi dan id-digriet lis-soċjetà intimata u mpenja ruhu ukoll illi jitlob rapprezentant tas-soċjetà intimata responsabbli mill-finanzi tal-kumpanija sabiex jattendi ghas-seduta illi kien imiss bil-ghan illi jsirilu d-domandi*".

Illi fil-5 ta' Settembru 2023, is-soċjetà rikorrenti PragmaticPlay Ltd kienet ressqet rikors fejn talbet illi l-Qorti tordna illi din il-kawża u dik miexja magħha, 1266/23, jiġu spezzettati u jkun hemm sentenza parzjali fejn il-Qorti tiddikjara jekk is-soċjetà intimata kkontravenitx id-drittijiet tas-soċjetà attriċi fir-rigward tal-PNG Marks u b'hekk tvarja d-digriet taghha tat-3 ta' Lulju 2023 fis-sens illi s-soċjetà attriċi tiġi diretta tressaq il-provi tagħha biss u limitatament għall-ewwel żewġ talbiet tagħha kif kontenuti fir-rikors promotur.

Illi s-soċjetà attriċi wieġbet ghal dan ir-rikors u opponiet.

Illi fil-11 ta' Ottubru 2023, il-Qorti ddegretat dan l-aħħar rikors (5.09.2023 – fol 725) u, għar-raġunijiet hemmhekk mogħtija, ċaħdet it-talbiet hemmhekk kontenuti filwaqt illi ordnat l-estensjoni tat-terminu għall-preżentata tad-dokumenti sal-aħħar ta' Ottubru 2023.

Huwa minn dan id-digriet illi s-soċjetà konvenuta (hawnhekk rikorrenti) qed titlob il-permess li tappella.

## Ikkunsidrat Ulterjorment:

Illi s-**soċjetà rikorrenti** qed tressaq din it-talba peress illi tikkontendi illi l-informazzjoni u d-dokumenti mitluba jikkontjenu informazzjoni kunfidenzjali u sensittiva hafna, u tistqarr illi din it-talba għall-preżentata

ta' dawn id-dokumenti mhi xejn għajr *fishing expedition* sabiex is-soċjetà attriċi jkollha viżibilità ta' dokumenti kunfidenzjali li jirrigwardaw l-operat tan-negozju tas-soċjetà konvenuta. Issostni illi tali dokumenti f'settur tant sensittiv mhux għaqli illi jiġu fl-idejn ta' kompetituri tagħha.

Tgħid illi huwa għalhekk importanti illi jkun hemm l-ispezzettar tal-kawża – għaliex jekk jirriżulta li l-ewwel żewġ talbiet tas-soċjetà attriċi huma nfondati, allura b'hekk ma jkunux ġew żvelati dokumenti kunfidenzjali u sensittivi nutilment.

Issostni illi f'każijiet bejn kompetituri għandu jkun hemm iċ-ċertezza legali mogħtija mill-Qorti tal-Appell fir-rigward tal-produzzjoni ta' dokumenti sensittivi u kunfidenzjali li jkollhom x'jaqsmu mal-operat, ukoll finanzjarju, tal-kompetitur.

Waqt it-trattazzjoni, l-abbli difensur tas-soċjetà rikorrenti jispjega illi huwa minnu illi l-ispezzettar tal-kawża ma ntalabx fil-bidu, imma dak ma jfissirx illi ma jistax jintalab issa. Isosnti illi d-dewmien tal-proċeduri huwa rrelevanti, għaliex kif trid il-liġi, dak rilevanti huwa jekk huwiex aħjar u ġust illi l-vertenza odjena tiġi deċiża mill-Qorti tal-Appell. Isostni illi huwa aħjar u ġust peress illi l-informazzjoni mitluba hija sensittiva u sigrieta, isostni illi dan huwa "*corporate espionage through legal means*" peress illi qed jiġi rikjest informazzjoni kummerċjali bħal investiment magħmul.

Min-naħa tagħha, is-**soċjetà attrici** (hawnhekk intimata) topponi għal din it-talba u ssostni illi s-soċjetà konvenuta qegħda biss tittenta taħrab mir-responsabbilità tagħha u taħli l-ħin. Tgħid illi l-ordni sabiex jiġu ppreżentati d-dokumenti ilha illi saret u reġgħet irrepetiet ruħha f'seduta – u qatt ma kien hemm oppożizzjoni da parti tas-soċjetà konvenuta. Issostni illi sa mill-ewwel seduta ma kienx hemm oppożizzjoni illi tingħata sentenza waħda fuq it-talbiet kollha.

Issostni illi dan huwa telf ta' ħin peress illi jekk kemm-il darba kellhom jintlaqgħu l-ewwel żewġ talbiet fir-rikors promotur, allura d-dokumenti xorta jkollhom jiġu ppreżentati peress illi għal finijiet tal-bqija tat-talbiet, dawk huma prova rilevanti u neċessarji.

Fit-trattazzjoni għar-rikors, l-abbli difensur tas-soċjetà intimata (attriċi) jsostni illi mit-*time-frame* tal-kawża u kif pprosegwiet il-kawża, jirriżulta illi dejjem kien hemm il-qbil tal-partijiet illi tingħata sentenza waħda fuq

kollox. Jgħid illi meta l-Qorti trid tevalwa dak li huwa aħjar u ġust trid iżżomm ukoll quddiem għajnejha dak li huwa ġust ukoll mas-soċjetà rikorrenti, li issa, appuntu bl-aħħar prova li trid tressaq sabiex tagħlaq il-provi kollha tagħha fir-rigward tat-talbiet kollha tagħha – kixfet idejha fir-rigward tal-provi li kellha tressaq. Tgħid illi kienet tkun f'pożizzjoni illi tressaq il-provi tagħha b'mod differenti kieku kien hemm l-ispezzettar tal-kawża mill-bidu.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Illi t-talba *de quo* qed issir *ai termini* tal-Artikolu 229(3) tal-KAP 12 tal-Liġijiet ta' Malta, li jgħid espressament hekk:

> *Hlief kif provdut speċifikatament mod ieħor f'dan il-Kodiċi, appell minn kull digriet interlokutorju ieħor li mhuwiex inkluż fis-subartikoli (1) u (2) jista' jsir biss qabel is-sentenza definittiva jekk il-qorti li tkun qed tittratta l-każ tagħti permess speċjali sabiex dan isir, liema permess għandu jintalab b'rikors li jiġi preżentat fi żmien għaxart' ijiem mill-jum meta d-digriet jinqara bil-miftuħ fil-qorti. Il-qorti, wara li tkun semgħet lill-partijiet, tista' tilqa' li jsir dan l-appell <u>jekk jidhrilha li jkun aħjar u ġust</u> li l-kwistjoni tinġieb quddiem il-Qorti tal-Appell qabel ma tingħata s-sentenza definittiva u t-terminu biex jiġi preżentat tali appell għandu jibda' jgħaddi mid-data tad-digriet li bih il-Qorti tkun laqgħet li jsir dak l-appell.*

Hemm qbil bejn il-partijiet illi l-Qorti trid tiddeċiedi dan ir-rikors *ai termini* ta' dan s-sub-artikolu u billi tara jekk jidhriliex illi jkun **aħjar u ġust** illi din il-kwistjoni tinġieb quddiem il-Qorti tal-Appell.

Il-Qorti tirreferi għad-digriet ben spjegattiv u motivat ta' din il-Qorti diversament preseduta fil-kawża **777/2021CFS** fl-ismijiet **Alfred Schwab vs Mr Green Limited** tas-6 ta' Mejju 2022, fejn intqal hekk:

> *17. Naturalment dan il-permess tal-ewwel qorti huwa mitlub biss jekk ikun irid isir appell minn digriet fi stadju meta tkun għadha*

*ma ngħatatx is-sentenza finali u mhux meta jkun irid isir appell minn dak id-digriet wara li tkun ingħatat is-sentenza finali (ara* ***Pauline sive Polly Bonnici pro et noe v. Fr. Marc André Camilleri et*** *deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-14 ta' Diċembru, 2018);*

*18. Illi l-liġi tagħna ma tagħtix tifsira ta' digriet interlokutorju, madankollu huwa miżmum fil-ġurisprudenza li digrieti interlokutorji huma dawk li non terminat negotium principale, sed aliam post se expectat sententiam – li maqlub għallMalti jfisser dawk id-digrieti li ma jaqtgħux l-kwistjoni ewlenija peress li wara dak id-digriet ikun mistenni li trid tingħata sentenza (ara* ***Tabib Joseph Grech v. Mary Grech deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili*** *deċiża fl-20 ta' April, 1989);*

*19. Kif ingħad mill-Qorti tal-Appell fid-deċiżjoni* ***Paul Tanti pro et noe et v. Sammy Tanti pro et noe*** *tad-19 ta' Novembru, 2001, digriet interlokutorju huwa mfisser bħala, «i provvedimenti riguardanti l'istruzione della causa nella procedura, che sogliono chiamarsi preparatorie" e quelle che regolano o determinano le prove relative al merito sotto giudizio, e che "chiamarsi ordinatorie"»;*

*20. Jiġi b'hekk, li digrieti interlokutorji huma dawk li ġeneralment jipprovdu dwar episodju jew aspett proċedurali matul il-kawża, li jħallu però t-tilwima ta' bejn ilpartijiet miftuħa, sewwasew għaliex il-kwistjoni ta' bejn il-partijiet tkun għadha ma spiċċatx (ara* ***Joseph Attard et v. Mario Attard*** *et deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-14 ta' Diċembru, 2018);*

*23. Issa skont l-artikolu 229(3) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, appell minn digriet bħal dan jista' jsir qabel is-sentenza definittiva, jekk il-qorti li tkun qed tittratta lkaż tagħti permess speċjali sabiex dan isir, wara li tirċievi talba fi żmien għaxart ijiem mill-jum meta d-digriet jinqara bil-miftuħ fil-qorti. Jekk id-digriet interlokutorju jingħata in camera, it-terminu ta' għaxart ijiem jitlaq mid-data tal-ewwel seduta ta' dik il-kawża li tiġi minnufih wara li jkun ingħata d-digriet in camera (ara artikolu 229(10) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta);*

*24. Tajjeb li jingħad, li jekk it-talba biex jinkiseb dan il-permess ma ssirx fi żmien għaxart ijiem, kull appell li jitressaq jitqies bħala*

*wieħed null (ara* ***Reginald Heraghty v. Fexserv Financial Services Limited*** *deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta' Mejju, 2021 u* ***Boris Arcidiacono Limited v. HSBC Bank Malta p.l.c.*** *deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-29 ta' Novembru, 2019); 8*

*25. Fil-każ tagħna, it-talba biex jinkiseb dan il-permess speċjali saret minn Mr Green Limited fit-terminu ta' għaxart ijiem li ssemmi l-liġi għaliex id-digriet li qiegħed jintalab li jiġi appellat ingħata fil-miftuħ fl-4 ta' Marzu, 2022, filwaqt li r-rikors biex jingħata l-permess għall-appell sar fid-9 ta' Marzu, 2022;*

*26. Li trid tara l-qorti għalhekk huwa jekk hija għandhiex tagħti l-permess tagħha biex isir appell mid-digriet tagħha jew le. Skont l-artikolu 229(3) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, dak li trid tagħmel din il-qorti huwa li tqis jekk ikun aħjar u ġust li l-kwistjoni tinġieb quddiem il-Qorti tal-Appell jew le;*

*29. Naturalment hi u tqis talba biex jingħata permess għall-appell, il-qorti m'għandhiex tiddarras jew teħodha kontra dak li qed jitlob li jagħmel l-appell għar-raġuni biss li huwa ma jkunx qiegħed jaqbel mad-digriet tagħha. Min-naħa loħra, l-istess qorti lanqas m'għandha taqbad u tagħti l-permess tagħha b'mod awtomatiku biex ma tidhirx kerha ma' dak li jkun. Tassew la l-liġi titfa' l-piż fuq il-qorti stess li tkun tat id-digriet biex tiddeċiedi jekk għandux jitħalla jsir appell jew le, allura dik il-qorti għandha żżomm ruħha oġġettiva u tinqeda bid-diskrezzjoni għaqlija u newtrali tagħha biex tara jekk fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ ikunx jaħbat aħjar li l-kwistjoni tiġi miġjuba quddiem il-Qorti tal-Appell jew le. Hi u tagħmel l-għarbiel responsabbli tagħha, il-qorti trid iżżomm f'moħħha mhux biss l-interessi tal-partijiet involuti fil-każ iżda trid iżżomm f'moħħha wkoll anke l-interessi tal-amministrazzjoni xierqa tal-ġustizzja b'mod ġenerali għaliex huwa magħruf li l-Qorti tal-Appell hija mgħobbija b'ħafna appelli;*

*30. Illi biex il-qorti tkun tista' twettaq din id-diskrezzjoni tagħha b'mod xieraq, min qiegħed jitlob il-permess li jappella minn digriet tagħha m'għandux jippretendi li huwa jista' jikseb tali permess mingħajr ma jiġġustifika t-talba tiegħu. Mod ieħor min jixtieq jingħata l-permess biex jappella jrid jispjega għaliex ikun aħjar li l-appell għandu jsir qabel is-sentenza finali u mhux wara;*

*31. Dan jista' jintwera billi pereżempju dak li jkun juri li d-digriet inkwistjoni ikun jolqot xi punt legali tekniku li huwa tant diffiċli jew innovattiv li jkun jixraq l-intervent mill-ewwel tal-Qorti tal-Appell; jew li dak id-digriet ikun aħjar li jiġi appellat mill-ewwel minħabba li jkun hemm allegazzjoni serja (u mhux fiergħa) li biż-żamma ta' dak id-digriet, parti tkun x'aktarx sejra ġġarrab xi preġudizzju serju fil-proċeduri; jew inkella jekk jintwera għas-sodisfazzjoni tal-ewwel qorti li hemm aggravji tajbin kontra dak id-digriet li jistgħu jwasslu lill-Qorti tal-Appell tbiddel jew tħassar dak id-digriet;*

Fid-digriet ta' din il-Qorti diversament preseduta, tas-7 ta' Frar 2023 fil-kawża **502/2016RGM** fl-ismijiet **Dr Josette Sultana noe. vs MPM Capital Investments Limited**, jgħid hekk:

*23. L-użu tal-kelma "tista'" fis-sub inċiż appena ċitat jagħti diskrezzjoni wiesgħa lill-Qorti jekk tagħtix permess li jsir appell qabel is-sentenza definittiva. Il-liġi ma tipprovdi lebda ċirkostanza partikolari meta tali permess jista' jingħata. Fl-istess ħin għalkemm hu mħolli fid-diskrezzjoni tal-Qorti jekk tagħtix tali permess jew le, l-istess artikolu jipprovddi illi l-Qorti għandha tikkunsidra x'inhu l-aħjar u x'inhu ġust.*

*24. Fl-eżerċizju sabiex tiddeċiedi jekk tagħtix jew le l-permess speċjali mitlub huwa miżmum illi l-Qorti m'għandiex tagħmilha hi ta' Qorti tal-Appell jew li terġa tqis fil-mertu l-konsiderazzjonijiet li hija tkun għamlet meta tat id-deċiżżjoni tagħha impunjata. (Ronald Micallef et. vs. SUBWAY (MALTA) LIMITED - Prim' Awla - 9 ta' Jannar, 2002).*

*26. L-unika konsiderazzjoni li għandha tagħmel il-Qorti huwa jekk hux aħjar u ġust li l-kwistjoni tinġieb quddiem il-Qorti tal-Appell f'dan l-istadju jew inkella hux aħjar u ġust li l-appell isir, jekk ikun il-każ, mas-sentenza definittiva.*

*28. Il-Qorti għalhekk trid tara jekk huwiex aħjar u ġust li appell middigriet impunjat isir issa u mhux jistenna l-għoti tas-sentenza definittiva, jekk ikun il-każ. It-testimonjanza u l-provi dokumentarji li s-soċjeta' konvenuta talbet li jiġu sfilzati ma humiex xi xhieda periferali jew sekondarja imma jikkostitwixxu l-evidenza prinċipali tal-azzjoni attriċi. Jekk appell mid-digriet isir wara ssentenza*

> *definittiva jekk ikun il-każ, ikun hemm il-possiblita', remota jew le hi kwistjoni immaterjali għal dan l-eżerċizzju, li lprova kardinali titneħħa mill-proċess u jkollu jibda kollox mill-ġdid sabiex ma jintilifx il-benefiċju tad-doppio esame.*
>
> *29. Fil-fehma tal-Qorti jkun aħjar u ġust illi dan l-episodju jiġi konkluż f'dan l-istadju tal-kawża anke għaliex jinċidi direttament dwar ilprovi li s-soċjeta' konvenuta għad trid tressaq f'dawn il-proċeduri*

Magħruf dan l-insenjament, il-Qorti trid issa tqis jekk hija tħossx illi huwa aħjar u ġust illi tintlaqa' t-talba tas-soċjetà rikorrenti sabiex tappella mid-digriet tal-11 ta' Ottubru 2023, liema digriet kien ċaħad it-talba tas-soċjetà rikorrenti sabiex f'dan l-istadju tal-proċeduri jkun hemm l-ispezzettar tal-kawża, kemm din u kif ukoll dik miexja magħha, 1266/21 fl-istess ismijiet, biex ikun hemm l-ewwel sentenza parzjali dwar l-ewwel żewġ talbiet fir-rikors promotur. Illi dan qed jiġi mitlub sabiex is-soċjetà hawnhekk rikorrenti ma tkunx kostretta, almenu f'dan l-istadju, kif anke kien mitlub fit-tieni talba miċħuda, li tippreżenta d-dokumentazzjoni minnha mitluba bl-inġunzjoni fuq imsemmija, b'liema dokumentazzjoni, is-soċjetà attriċi tagħlaq il-provi tagħha fir-rigward tat-talbiet kollha minnha magħmula fir-rikors promotur tagħha. Is-soċjetà rikorrenti ssostni illi hija ma għandiex tippreżenta tali dokumenti minħabba s-sensitività kummerċjali tagħhom u l-informazzjoni kunfidenzjali li jikkontjenu.

## Ikkunsidrat Ulterjorment:

Illi l-Qorti trid tibda biex tqis illi qatt qabel, tul il-kors kollu tal-proċeduri, ma kien hemmx talba għall-ispezzettar tal-kawża. Anzi, tosserva, minn dak verbalizzat, illi dejjem jidher illi kien hemm kunsens bejn il-Qorti u l-partijiet illi l-provi jinġabru kollha u l-Qorti tgħaddi għal sentenza waħda.

Il-Qorti tqis ukoll illi d-digriet tagħha tat-8 ta' Ġunju 2023 għall-Mandat ta' Taħrika u kif ukoll id-digriet tagħha mogħti *seduta stante* waqt l-udjenza tat-3 ta' Lulju 2023 qatt ma ġew kkontestati – u għalhekk tqis illi d-digrieti *per se* sabiex jiġu ppreżentati d-dokumenti mitluba mis-soċjetà attrici qatt ma ġew ikkontestati.

Il-Qorti tqis illi fl-udjenza tat-3 ta' Lulju 2023, is-soċjetà rikorrenti kienet ben konxja ta' dak li kien qed jiġi minnha mitlub li tippreżenta, u minkejja dan, hija ma ressqet ebda oġġezzjoni għall-produzzjoni tal-istess.

Il-Qorti tqis għalhekk illi l-argumenti u r-raġunijiet miġjuba llum sabiex ma jissottomettux id-dokumenti rikjesti ma tqajmux f'mument opportun u kwindi tqis illi ma għandiex tieħu konjizzjoni tagħhom għal finijiet ta' din il-kwistjoni ta' spezzettar tal-kawża. Tqis illi t-talba għall-varjazzjoni tad-digriet tat-3 ta' Lulju 2023 kif kontenuta fir-rikors tal-5 ta' Settembru 2023 hija biss konsegwenzjali għat-talba prinċipali u ntalab dan biss bħala konsegwenza tal-ispezzettar tal-kawża.

Il-Qorti tqis ukoll illi t-talba sabiex tiġi spezzettata l-kawża saret biss issa bħala miżura sabiex is-soċjetà konvenuta tevita illi tesebixxi d-dokumenti illi ġiet mitluba tesebixxi, anke jekk ma hemmx kontestazzjoni fuq iż-żewġ digrieti sabiex isir dan kif hawn fuq imsemmi.

Il-Qorti ma tqisx illi l-kwisjtoni li għandha quddiemha llum hi jekk id-dokumenti rikjesti għandhomx jiġu esebiti – iżda jekk il-Qorti għandiex tagħti permess ta' appell biex il-Qorti tal-Appell tara tridx tikkonferma o meno jekk il-kawża jkolliex sentenza waħda finali jew tiġix spezzettata.

Il-Qorti tqis illi dak li qed jiġi mitlub hawnhekk huwa permess sabiex is-soċjetà rikorrenti tappella bil-għan illi tipprova tikkonvinċi lill-Qorti tal-Appell illi jkun utili illi l-kawża tiġi spezzettata. Tqis illi jekk jingħata l-permess u tirnexxi fl-Appell, allura għalissa żgur tevita l-produzzjoni tad-dokumenti peress illi din il-Qorti tiġi diretta taqta' u tiddeċiedi biss l-ewwel żewġ talbiet.

Il-Qorti tqis pero` wkoll, illi f'eventwalità illi l-Qorti ssib favur is-soċjetà attriċi fir-rigward tal-ewwel żewġ talbiet, allura nerġgħu niġu preċiżament għall-istadju illi qegħdin fih illum. L-istess jiġri li kieku l-Qorti tal-Appell tiddeċiedi kontra l-ispezzettar.

Il-Qorti tqis għalhekk illi b'dak mitlub mis-soċjetà rikorrenti hemm il-possibilità illi nduru dawra durella u nerġgħu niġu fejn qegħdin illum, sitwazzjoni din mhux desiberabbli u li tista' tiġi evitata billi l-Qorti tibqa' għaddejja bil-provi kif ilha sejra u kif dejjem sar sa issa anke bi ftehim mal-partijiet u d-difensuri tagħhom.

Il-Qorti għalhekk ma tara ebda raġuni valida biex tiddikjara illi tħoss illi huwa aħjar u ġust illi jintlaqa' r-rikors għall-permess tal-Appell u għalhekk

it-talba tas-soċjetà rikorrenti biex titħalla tappella mid-digriet mogħti minn din il-Qorti fil-11 ta' Ottubru 2023 ma tistax tintlaqa' u għalhekk ser tkun qed tiġi miċħuda.

**Għaldaqstant** għar-raġunijiet u l-konsiderazzjonijiet fuq magħmula, din il-Qorti qegħda tiċħad ir-rikors mressaq mis-soċjetà PragmaticPlay Ltd fl-20 ta' Ottubru 2023 sabiex hija tingħata permess tappella mid-digriet mogħti minn din il-Qorti fil-11 ta' Ottubru 2023.

Bl-ispejjeż ta' dan l-episodju riżervati għas-sentenza finali.

**Digriet mogħti fil-miftuħ illum, l-Erbgħa, 22 ta' Mejju 2024.**

| | |
|---|---|
| **Ian Spiteri Bailey** | **Amanda Cassar** |
| **Imħallef** | **Deputat Reġistratur** |